



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.3.2014
COM(2014) 117 final

2014/0064 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Portugall japplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fir-reġjun awtonomu tal-Madejra fir-rigward ta' rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment u fir-reġjun awtonomu tal-Ażores fir-rigward ta' likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/831/KE tal-10 ta' Novembru 2009¹, adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE, il-Portugall ġie awtorizzat biex japplika sal-31 ta' Diċembru 2013 rata mnaqqa tad-dazju tas-sisa fir-reġjun awtonomu tal-Madejra fir-rigward ta' rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment u fir-reġjun awtonomu tal-Ażores fir-rigward ta' likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment. L-Artikolu 2 ta' dik id-Deċiżjoni jikkonfina d-deroga msemmija hawn fuq għal prodotti speċifiċi. Il-Portugall jista' japplika għal dawn il-prodotti, rata tad-dazju tas-sisa aktar baxxa mir-rata massima imposta fuq l-alkoħol kif stipulata fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/84/KE², u aktar baxxa mir-rata minima tad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol kif ġiet stipulata minn din id-Direttiva iżda li mhijiex iktar minn 75% iktar baxxa mid-dazju tas-sisa normali nazzjonali fuq l-alkoħol.

Id-Deċiżjoni 2009/831/KE tistipula r-raġunijiet tal-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi, li jinkludu d-daqs żgħir, in-natura fframmentata u l-mekkanizzazzjoni baxxa tal-impriżi agrikoli. Barra minn hekk, it-trasport lejn il-ġzejjer ta' ċerti materjali mhux ipproċessati u ta' imballaġġ li ma ġewx prodotti lokalment iwassal għal spejjeż addizzjonali, meta mqabbel mat-trasport tal-prodott finali biss. It-trasport u l-installazzjoni tat-tagħmir f'dawk ir-reġjuni mbegħdin u insulari jkomplu jżidu l-ispejjeż addizzjonali. Fl-aħħar nett, il-produtturi kkonċernati jħallsu wkoll spejjeż żejda li ġeneralment ibatu l-ekonomiji lokali, b'mod partikolari żieda fi spejjeż marbutin max-xogħol u mal-enerġija.

It-tnaqqis ta' 75% ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jibbilanċja l-livelli ta' spejjeż addizzjonali li jridu jiġihallsu mill-operaturi bħala riżultat tal-karatteristiċi partikolari tal-Madejra u tal-Ażores bħala reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE.

Minħabba li l-vantaġġ tat-taxxa hu limitat għal dak li hu meħtieġ biex jingħelbu l-ispejjeż addizzjonali u minħabba li l-volumi kkonċernati jibqgħu modesti, il-miżura ma tostakolax l-integrità u l-koerenza tal-ordni legali tal-Komunità. Barra minn hekk, il-vantaġġ tat-taxxa hu limitat għall-konsum fir-reġjuni kkonċernati.

L-awtoritajiet Portugiżi talbu għal tiġdid tal-awtorizzazzjoni biex japplikaw rata mnaqqa tad-dazju tas-sisa fir-reġjun awtonomu tal-Madejra fuq rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment u fir-reġjun awtonomu tal-Ażores fuq likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment sal-31 ta' Diċembru 2020. It-tiġdid jeħtieġ li jiġi approvat kemm minn Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 349 tat-TFUE kif ukoll minn Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar Għajjnuna mill-Istat. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 349 tat-TFUE hija mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-estensjoni ta' din il-miżura skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

2. PROPORZJONALITÀ TAD-DEROGA

Skont l-Artikolu 110 tat-TFUE l-ebda Stat Membru ma japplika, direttament jew indirettament, fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra kwalunkwe taxxi interni ta' kull

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2009 li tawtorizza lill-Portugall japplika rata mnaqqa tad-dazju tas-sisa fir-reġjun awtonomu tal-Madejra fuq rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment u fir-reġjun awtonomu tal-Ażores fuq likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment (ĠU L 297, 13.11.2009, p. 9).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 92/84/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU L 316, 31.10.1992, p.29).

deskrizzjoni, ogħla minn dawk applikati direttament jew indirettament fuq prodotti simili nazzjonali. Barra dan, ebda Stat Membru ma japplika fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra taxxi interni ta' tali natura li jagħtu protezzjoni indiretta lill-produzzjoni ta' prodotti oħra.

Madankollu, abbażi tal-Artikolu 349 tat-TFUE l-Kunsill jista' jawtorizza Stati Membri b'reġjuni ultraperiferiċi li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 110 tat-TFUE sabiex jittieħed kont tas-sitwazzjoni strutturali soċjali u ekonomika ta' dawn ir-reġjuni u li hija aktar ikkumplikata minħabba fatturi oħra li jirrestrinġu bi kbir l-iżvilupp tagħhom. Din id-deroga ma għandhiex tfixkel l-integrità u l-koerenza tal-ordni legali tal-Unjoni, inklużi s-suq intern u l-politika komuni, bħalma hija l-politika fiskali komuni bbażata fuq l-Artikolu 113 tat-TFUE. B'hekk, dawn id-derogi għandhom jibqgħu proporzjonali, jiġifieri ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jindirizzaw kundizzjonijiet ta' qafas ħżiena li jfixklu l-iżvilupp ekonomiku ta' dawn ir-reġjuni u ma jridux ifixklu b'mod eċċessiv il-kompetizzjoni fis-suq uniku. B'konsegwenza ta' dan, kull deroga mill-Artikolu 110 tat-TFUE għandha tibqa' limitata għall-kumpens komplet jew parzjali tal-iżvantaġġ tal-kost li minnu produtturi f'dawn ir-reġjuni jsofru.

Ir-rapporti sottomessi mill-Portugall skont l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/831/KE jinkludu l-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali u tnaqqis fid-dazju tas-sisa għas-sena 2011:

Madejra

- Likuri (flickun ta' 70 cl. 20° alk/vol)
Spejjeż addizzjonali: 1.21 EUR
Tnaqqis fid-dazju tas-sisa: 1.06 EUR
- Rum (flickun ta' 70 cl. 20° alk/vol)
Spejjeż addizzjonali: 2.20 EUR
Tnaqqis fid-dazju tas-sisa: 2.12 EUR

L-Ażores

- Likuri (flickun ta' 70 cl. 20° alk/vol)
Spejjeż addizzjonali: 1.17 EUR
Tnaqqis fid-dazju tas-sisa: 1.08 EUR
- Eaux-de-vie (flickun ta' 100 cl. 40° alk/vol)
Spejjeż addizzjonali: 3.31 EUR
Tnaqqis fid-dazju tas-sisa: 3.09 EUR

Sors: Ir-rapporti msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/831/KE

Ta' min isemmi li l-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali msemmija hawn fuq ma kinux jinkludu xi fatturi li kien diffiċli li jkunu kkwantifikati. Minkejja dan, huwa possibbli li jiġi kkonfermat li t-tnaqqis ta' 75% f'dazi tas-sisa standard ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex

jibbilanċja l-livelli ta' spejjeż addizzjonali li jridu jitħallsu mill-operaturi bħala riżultat tal-karatteristiċi partikolari tal-Madejra u tar-reġjuni tal-Ażores bħala reġjuni ultraperiferiċi.

Ir-rapporti jinkludu wkoll dejta dwar is-sehem mis-suq ta' dawn il-prodotti fis-swieq lokali bejn l-2004 u l-2010:

Madejra - Rum u Likuri kkombinati (bil-volum ta' alkoħol)							
Sena	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010
Sehem ta' produzzjoni lokali	15.86%	20.19%	23.03%	20.33%	26.91%	30.76%	33.89%

L-Ażores — Likuri (b'volum ta' alkoħol)							
Sena	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010
Sehem ta' produzzjoni lokali	56.43%	50.60%	49.70%	46.73%	39.19%	45.28%	48.57%

L-Ażores – Eaux-de-vie (b'volum ta' alkoħol)							
Sena	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010
Sehem ta' produzzjoni lokali	47.99%	41.62%	42.51%	33.53%	23.19%	34.28%	31.74%

Sors : Kalkolazzjoni bl-użu tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/831/KE

It-tabella tikkonferma t-tendenza 'l isfel fis-sehem tal-produzzjoni lokali ta' likuri u eaux-de-vie fl-Ażores u ż-żieda fil-Madejra għar-rum u likuri. Madankollu, għal Madejra għandu jitqies is-sehem baxx ħafna ta' produzzjoni lokali fl-2004.

L-evoluzzjoni tal-ishma tas-suq għall-produzzjoni lokali tikkonferma li r-rata tad-dazju tas-sisa mnaqqsa attwali hija bbilanċjata u ma ħolqot ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

L-industrija lokali timpjegha 134 ħaddiem fil-Madejra u madwar 90 ħaddiem fl-Ażores. Fil-Madejra, il-kultivazzjoni u l-ipproċessar tal-kannamieli u frott jipprovdu xogħol għal madwar 1 000 azjenda agrikola li huma proprjetà ta' familja.

L-għoti ta' awtorizzazzjoni ġdida lill-Portugall biex japplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fir-reġjun awtonomu tal-Madejra fuq rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment u fir-reġjun awtonomu tal-Ażores fir-rigward ta' likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment hija ġġustifikata sabiex ikun evitat li jitpoġġa fil-periklu l-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni l-aktar imbegħdin u ma toħloqx distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-miżuri proposti

Id-Deċiżjoni proposta tawtorizza lill-Portugall japplika mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 rata mnaqqa ta' dazju tas-sisa fir-reġjun awtonomu tal-Madejra fuq rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment u fir-reġjun awtonomu tal-Azores fir-rigward ta' likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment li tista' tkun anqas mir-rata minima tad-dazju tas-sisa stabbilita mid-Direttiva 92/84/KEE iżda ta' mhux aktar minn 75% inqas mir-rata tad-dazju tas-sisa normali nazzjonali fuq l-alkoħol.

L-awtoritajiet Portugiżi se jkollhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport intermedju sat-30 ta' Settembru 2017 sabiex jevalwaw jekk ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-għoti tad-deroga mit-taxxa għadhomx japplikaw u jekk il-vantaġġ fiskali mogħti mill-Portugall jibqax proporzjonali.

Bażi ġuridika

L-Artikolu 349 tat-TFUE

Il-Prinċipju tas-Sussidjarità

Huwa biss il-Kunsill li għandu s-setgħa li jadotta, abbażi tal-Artikolu 349 tat-TFUE, miżuri speċifiċi favur ir-reġjuni ultraperiferiċi għall-adattament tal-applikazzjoni tat-Trattati għal dawk ir-reġjuni, inklużi l-politiki komuni, minħabba d-diffikultajiet permanenti li għandhom impatt fuq il-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi.

Il-proposta għalhekk tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarità.

Il-Prinċipju tal-Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-vantaġġ fit-taxxa huwa limitat għal dak li huwa neċessarju biex ipatti għall-ispejjeż addizzjonali.

L-għażla ta' strument

L-istrument li qed jiġi propost: Deċiżjoni tal-Kunsill

Strumenti oħrajn ma jkunux adegwati minħabba r-raġuni li ġejja:

Id-derogi mogħtija skont l-Artikolu 349 tat-TFUE jinsabu fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Portugall japplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fir-reġjun awtonomu tal-Madejra fir-rigward ta' rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment u fir-reġjun awtonomu tal-Ażores fir-rigward ta' likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislativ lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew³,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġislativa speċjali,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/831/KE tal-10 ta' Novembru 2009, adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikolu 349 tat-TFUE), tawtorizza lill-Portugall japplika rata mnaqqsa ta' dazju tas-sisa fir-reġjun awtonomu tal-Madejra fuq rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment u fir-reġjun awtonomu tal-Ażores fir-rigward ta' likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment li tista' tkun anqas mir-rata minima tad-dazju tas-sisa stabbilita mid-Direttiva 92/84/KEE iżda ta' mhux aktar minn 75% inqas mir-rata tad-dazju tas-sisa normali nazzjonali fuq l-alkoħol.
- (2) Fit-30 ta' Lulju 2013, l-awtoritajiet Portugiżi talbu lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/831/KE, taħt l-istess kundizzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2020. Din it-talba kienet immodifikata fid-19 ta' Novembru 2013, meta l-Portugall talab estensjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/831/KE għal 6 xhur sat-30 ta' Ġunju 2014 biex tikkoinċidi mal-linji gwida dwar l-għajjnuna reġjonali attwali li tkun segwita minn estensjoni ġdida li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2014 – sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (3) L-għoti tal-awtorizzazzjoni l-ġdida huwa ġġustifikat sabiex ikun evitat li jitpoġġa fil-periklu l-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni l-aktar imbegħdin. Minħabba li dawn ir-reġjuni iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jespertaw 'il barra mit-territorju tagħhom, daww il-prodotti jistgħu jinbigħu biss fis-swieq reġjonali.
- (4) Fir-reġjuni awtonomi tal-Ażores u Madejra, materjali mhux ipproċessati ta' orijini agrikolu huma oġġla milli kienu jkunu taħt kundizzjonijiet ta' produzzjoni normali, minħabba d-daqs żgħir, in-natura fframmentata u l-mekkanizzazzjoni baxxa tal-impriżi agrikoli. Fil-każ tal-Madejra, barra minn hekk, l-eżitu mill-ipproċessar tal-kannamieli

³ ĠU C , , p .

huwa inqas minn dak ta' reġjuni l-aktar imbegħdin oħra, minħabba t-topografija, il-klima, il-ħamrija u l-produzzjoni artiġjanali. It-trasport lejn il-ġzejjer ta' ċerti materjali mhux ipproċessati u ta' imballaġġ li ma ġewx prodotti lokalment iwassal għal spejjeż addizzjonali, meta mqabbel mat-trasport tal-prodott finali biss. Fil-każ tal-Azores, l-insularità hija doppja, peress illi l-ġzejjer huma mifruxin fuq żona kbira. It-trasport u l-installazzjoni tat-tagħmir f'dawk ir-reġjuni mbegħdin u insulari jkomplu jżidu l-ispejjeż addizzjonali. L-istess japplika għal ċerti żjarat u konsenji minn fuq il-baħar neċessarji lejn l-art prinċipali. Spejjeż addizzjonali għall-ħażna tal-prodotti finali jinqalgħu minħabba li l-konsum lokali mhuwiex kapaċi jassorbi l-produzzjoni hekk kif din isseħħ, iżda jsir gradwalment matul is-sena. Iċ-ċokon tas-suq reġjonali jżid l-ispejjeż għal kull unità f'diversi modi, notevolment permezz ta' relazzjonijiet mhux favorevoli bejn l-ispejjeż fissi u l-eżitu, kemm fir-rigward tat-tagħmir kif ukoll tal-ispejjeż li jridu jsiru biex jintlaħħqu n-normi ambjentali. Barra minn hekk, il-produtturi tar-rum fil-Madejra huma obbligati li jittrattaw l-iskart li jirriżulta mill-ipproċessar tal-kannamieli, filwaqt li produtturi li jinsabu f'reġjuni oħra jistgħu jirreċiklaw dawn il-prodotti. Fl-aħħar nett, il-produtturi kkonċernati jħallsu wkoll spejjeż żejda li ġeneralment ibatu l-ekonomiji lokali, b'mod partikolari, żieda fi spejjeż marbutin max-xogħol u mal-enerġija.

- (5) Kalkoli ddetaljati provduti fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2009/831/KE jikkonfermaw li t-tnaqqis ta' 75 % tar-rata tad-dazju tas-sisa ma jipattix kompletament għall-iżvantaġġ kompetittiv li x-xorb alkoħoliku ddistillat prodott fil-Madejra u l-Azores jiffaċċjaw bħala riżultat ta' spejjeż ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni oġhla. Għalhekk, tnaqqis fir-rata tad-dazju tas-sisa għandu jibqa' jkun awtorizzat fil-livell mitlub.
- (6) Analiżi akkurata tas-sitwazzjoni tikkonferma li huwa essenzjali li t-talba tal-Portugall tintlaqa' sabiex jiġi żgurat li l-industrija tal-alkoħol tinżamm vijabbli fir-reġjuni l-aktar imbegħdin.
- (7) Peress li l-vantaġġ fit-taxxa huwa limitat għal dak li huwa neċessarju biex ipatti għall-ispejjeż addizzjonali u peress li l-volumi kkonċernati huma modesti u l-vantaġġ fit-taxxa huwa limitat għall-konsum fir-reġjuni kkonċernati, il-miżura ma' tpoġġix fil-periklu l-integrità u l-koerenza tal-ordni legali tal-Komunità.
- (8) Is-sottomissjoni ta' rapport intermedju għandha tiġi mitluba, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' teżamina jekk il-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-għotja ta' deroga bħal din għadhomx rilevanti.
- (9) Id-Deċiżjoni preżenti hija bla ħsara għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 110 tat-Trattat, il-Portugall b'dan huwa awtorizzat li japplika rata tad-dazju tas-sisa aktar baxxa mir-rata massima imposta fuq l-alkoħol kif ġiet stipulata mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/84/KE fir-reġjun awtonomu tal-Madejra, fir-rigward ta' likuri u rum prodotti u kkonsmati lokalment, u fir-reġjun awtonomu tal-Azores, fir-rigward ta' likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment.

Artikolu 2

Id-deroga msemija fl-Artikolu 1 tkun limitata:

1. fil-Madejra

(a) għal rum kif iddefinit fil-kategorija 1 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituz⁴, li għandu l-indikazzjoni ġeografika "Rum da Madeira" msemija fil-kategorija 1 tal-Anness III ta' dak ir-Regolament,

(b) għal likuri u "crème de" kif iddefiniti fil-kategoriji 32 u 33 rispettivament tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 li huma magħmulin minn frott jew pjanti reġjonali;

2. fl-Azores

(a) għal likuri u "crème de" kif iddefiniti fil-kategoriji 32 u 33 rispettivament tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 li huma magħmulin minn frott jew materjali mhux ipproċessati reġjonali,

(b) għal eaux-de-vie magħmul mill-inbid jew mill-ħliefa tal-għeneb li għandu l-karatteristiċi u l-kwalitajiet definiti fil-kategoriji 4 u 6 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 110/2008.

Artikolu 3

Ir-rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa applikabbli fir-rigward ta' dawn il-prodotti msemijin fl-Artikolu 1 tista' tkun anqas mir-rata minima tas-sisa fuq l-akoħol stipulata mid-Direttiva 92/84/KEE, iżda ma tistax tkun iktar minn 25 % inqas mid-dazju tas-sisa nazzjonali normali fuq l-akoħol.

Artikolu 4

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2017, il-Portugall jibgħat rapport lill-Kummissjoni biex tkun tista' tevalwa jekk ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-għotja tar-rata mnaqqsa għadhomx jeżistu.

Artikolu 5

Id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁴ ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16.